MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1418/2002/1

**Salvatore, Joseph u Jason Cutajar u Joan Cutajar f'isem u ghan-nom il-minuri Marisa Cutajar u Charles Cutajar**
**iben il-mejjet Carmelo Cutajar, li miet fis-27 ta' Ġunju, 2002.**

**v.**

**Maria Dolores Cutajar, Marianne Zammit, Sandra Camilleri, Charmaine Cutajar u Joseph Cutajar u b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2003 Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Katie Bartolo u Rose Bartolo li joqgħodu l-Awstralja.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuta Maria Dolores Cutajar minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 2007, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:
"Il-Qorti

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-11 ta' Diċembru, 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

"Illi l-atturi huma ulied il-mejtin Giuseppe u Mary Cutajar.

"U li Mary Cutajar mietet fl-1 ta' Settembru, 1999 (DOK A) u Giuseppe Cutajar miet fil-21 ta' Mejju, 1999 (DOK B).

"U li l-ġenituri tal-atturi għamlu testment *unica charta* tal-15 ta' April, 1988 fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras (DOK C) li permezz tiegħu t-testaturi ħallew lis-superstiti fosthom l-użu u l-użufrutt tal-assi ereditarji tagħhom.

"U wkoll li l-istess testaturi ħallew b'titolu ta' prelegat lil binthom Maria Dolores Cutajar, il-konvenuta d-dar bil-*garage* magħha li qegħda f'Bastion Street, Fgura bl-isem ta' 'St. Joseph' in piena proprjeta`' b'dak kollu li jkun jinsab fiha mill-għatba 'l gewwa *a limine intus*.

"U li salv il-premess, it-testaturi nnominaw bħala eredi universali tagħhom lis-seba' uliedhom Maria Dolores, Salvatore, Carmel, Emanuel, Caterina mart Michael Bartolo, MaryRose mart Mario Bartolo u Joseph aħwa Cutajar f'sehem indaqs bejniethom.

"U illi Carmel Cutajar bin it-testaturi miet fis-27 ta' Ġunju, 2002 u ħalla bħala werrieta tiegħu lill-uliedu Jason u

Marisa li għandha minuri u li hi rappreżentata minn ommha Joan Cutajar.

"U illi Emanuel Cutajar miet fis-6 ta' Marzu, 1998 u ħalla bħala eredi tiegħu lil uliedu Marianne Zammit, Sandra Camilleri, Charmaine Cutajar u Joseph Cutajar.

"U li minbarra d-dar 'St. Joseph', Bastion Street, Fgura li tħalliet bi prelegat lill-konvenuta Doreen Cutajar m'hemm xejn aktar fil-wirt tat-testaturi Cutajar.

"U li l-atturi għandhom ta' lanqas dritt għal-leġittima.

"Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

"1. Tillikwida u tassenja lill-atturi l-leġittima spettanti lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom skond il-liġi u skond dawk id-direttivi mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-ispejjeż u bil-konvenuti nġunti minn issa għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Maria Dolores Cutajar, ipprezentata fis-6 ta' Awwissu, 2003, li permezz tagħha eċċepiet;

"1. Illi, preliminarjament, it-talba attriċi hi preskritta a tenur tal-Artikolu 845(1) tal-Kodiċi Ċivili, għar-rigward tal-wirt ta' Mary Cutajar, omm l-eċċipjenti, li mietet fl-1 ta' Diċembru, 1991.

"2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fond bl-isem "Saint Joseph" f'Bastion Street, il-Fgura, tħalla bi prelegat lill-eċċipjenti għall-iskop li hija tkun ikkompensata għas-serviġi minnha rezi lill-ġenituri tagħha; u għalhekk hemm lok illi jiġi stabilit jekk huwiex il-każ li ġie leż id-dritt għal-leġittima, għar-rigward tal-wirt tal-missier,

fid-dawl tal-istess dispozizzjonijiet testamentarji u skond ir-riżultanzi.

“3. Bir-riserva ta’ eċċezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-liġi.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Maria Dolores Cutajar maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta’ Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici, ippreżentata fid-29 ta’ Settembru, 2003, li permezz tagħha eċċepew;

“1. Illi b’digriet tat-8 ta’ Jannar, 2003 huma ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Katie Bartolo u Rose Bartolo.

“2. Illi huma m’għandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuni minnhom rappreżentati u għalhekk m’humiex edotti mill-fatti tal-każ odjern.

“3. Illi għalhekk huma jirriservaw li jeċċepixxu ulterjorment.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti proċesswali kompriż il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjaru u l-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Novembru, 2006 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

“Ikkunsidrat;

“Illi kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li jigu assenjati l-leġittima spettanti lilhom mill-wirt tal-konjuġi Giuseppe u Mary Cutajar. Dawn fit-testment tagħhom ħallew lil uliedhom kollha bħala werrieta, iżda ħallew legat tal-fond f’Bastion Street, il-Fgura. Skond l-atturi dan il-fond hu s-somma totali tal-assi tal-imsemmija decuji.

"Il-konvenuti l-ewwelnett eċċepew il-preskriżżjoni, billi Mary Cutajar mietet fl-1 ta' Dicembru, 1991. Madankollu kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijet D'Amico vs D'Amico deċiża *in parte* fil-5 ta' Diċembru, 2003, il-preskrizzjoni deċennali tibda tiddekorri, f'każ ta' mewt ta' testatur f'testment *unica charta*, mid-data tal-mewt tal-aħħar wieħed li jmut fost it-testaturi. Dan għaliex fil-frattemp ikun hemm favur tiegħu (fil-maġġoranza tal-każi – bħala ma hu fil-każ in eżami) l-użufrutt tal-beni tal-mejjet. Din is-sentenza ċċitat sentenza oħra, din id-darba tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Diċembru, 1939 (Grixti vs Ellul) fejn intqal illi;

"*Dawk pero` li jkunu qed jipposjedu prekarjament bħal użufruttwarji jkun evidenti li huma qed iżommu l-ħaġa għan-nom ta' ħaddieħor u għal fini tad-dritt prekarju tagħhom. Għalhekk l-Artikolu 2121 jgħid "No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds the thing.*"

"Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

"Fir-rigward tal-eċċezzjoni l-oħra, hemm numru ta' diffikolatajiet legali. L-ewwelnett il-kawża ġiet intavolata qabel, u għalhekk tirrigwardja ftuħ ta' wirt li sar qabel, l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwardja partikolarment il-leġittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ riċentement (2004) u jagħmluha ċara li ma jaffettwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti l-Artikolu 116(2) tal-att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara illi l-Artikolu 58 li appuntu emenda l-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Civili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima (issa msejjħa *parti riservata*) kellhom *japplikaw dwar successjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ.* Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-liġi applikabbli hija kif kienet dak in-nhar u allura qabel saru l-emendi.

"Il-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-Artikolu 616 u dawk li jsegwu. (Cutajar vs Cutajar – Prim Awla - 3 ta' Ottubru,

2003). In vista ta' dan *l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-decujus bid-dispozizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju.* (Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer – Prim Awla - 22 ta' Mejju, 1950). F'dan il-każ ma hemmx din il-problema billi mill-atti tal-kawża jirriżulta ċar (hemm qbil bejn il-provi li ressqu z-żewġ naħat) li l-uniku assi tal-mejtin huwa l-fond in kwistjoni u għalhekk hu ċar li l-parti disponibbli ġiet fil-fatt disposta mit-testaturi a skapitu tal-leġittima dovuta lill-atturi.

"Wara l-mewt tal-omm pero` l-missier trasferixxa permezz ta' att ta' donazzjoni, is-sehem (nofs) indiviż tiegħu mill-istess proprjeta`' lill-konvenuta Maria Dolores Cutajar li ġie stmat sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm27,500) biex iħallasha ta' serviġi illi hija kienet qed tirrendilu. Dan ifisser allura li fil-waqt li fir-realta' fil-mument tal-mewt tal-omm dan il-fond kien għadu jappartjeni lill-assi ereditarji, mhux l-istess jista' jingħad għan-nofs indiviz li kien jappartjeni lill-missier sa l-20 ta' Frar, 1997, u cioe' meta ġie pubblikat dan l-att ta' diviżjoni (Dok. MDC2). Għandu jingħad li l-fond in kwistjoni ġie stmat li jiswa' mija u għoxrin elf Lira Maltin (Lm120,000) mill-espert nominat mill-Qorti fl-2004. L-Artikolu 620 (1) jgħid li l-leġittima (issa magħrufa mill-Kodiċi Civili bħala *parti riservata*) kellha tingħata fi proprjeta`' sħiħa u t-testatur ma jistax jgħabbiha b'xi piż jew kondizzjoni waqt li s-sub-inċiż (2) kien jgħid illi l-leġittima kellha tinħadem fuq l-assi kollha tal-mejjet wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral. Ma sarux pero` provi ta' djun għalkemm il-konvenuta Maria Dolores Cutajar sostniet (anke konfermata minn xhieda oħra) li rrendiet serviġi, ma għamlet ebda talba formali biex dawn is-serviġi jigu likwidati.

"Skond l-Artikolu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt, id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur u eżattament fil-każ ta' immobbli l-valur tal-proprjeta`' fil-mument tal-mewt, iżda fit-testment il-mejtin ipprovdew ukoll li l-imsemmija Maria Dolores Cutajar kellha tiġi eżentata milli tikkonferixxi fil-massa ereditarja dak kollu li tkun irċeviet mingħandhom.

Għalhekk l-uniku kweżit huwa jekk in-nofs li ġie trasferit lill-istess Maria Dolores Cutajar minn missierha f'ħajtu għandux ukoll jittieħed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-leġittima. Fil-fehma tal-Qorti ma hemmx dubbju li r-risposta hija fil-pożittiv. Dan hu kkonfermat mhux biss mill-Artikolu 648 illi jgħid kif gia' ingħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur, iżda anke minn noti tal-Prof. Caruana Galizia fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-test ingliż illi;

"*Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by lawin favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations.*

*"The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.*

*"Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely 'animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude.*"

"Għalhekk kwantu għat-talba attriċi ai termini tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili, billi l-mejtin kellhom sebat itfal, il-leġittima kellha tkun nofs l-assi u għalhekk il-partijiet kellhom id-dritt jipparteċipaw f'dan in-nofs. Għalhekk l-atturi Salvatore u Joseph Cutajar imisshom wieħed minn erbatax (1/14), u l-aħwa Jason u Marisa Cutajar wieħed minn tmienja u għoxrin (1/28) parti billi dawn daħlu f'sehem missierhom Carmel li miet fl-2002. Għandu jingħad li l-leġittima, skond il-liġi allura viġenti, kienet tkun

dovuta *in natura, in piena propieta` senza alcun peso od altra condizione.* (Vol. XXXVIII – P II p 116). Din toħloq problema f'dawn it-tip ta' kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex fil-waqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittieħdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-leġittima (Ara Vella vs Bezzina et – Appell – 20 ta' Novembru, 1998), *is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b'ammont likwidu flok in natura huwa kontra l-liġi, molto piu' meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha.* (Sammut vs Refalo – Prim'Awla - 30 ta' Ġunju, 1954). Billi għalhekk f'dan il-każ il-legat eċċeda l-parti disponibbli l-Qorti bil-fors se jkollha tassenja lill-atturi sehem mill-proprjeta`` in kwistjoni. Dan għaliex kif l-istess sentenza Wismayer vs Wismayer fuq ċitata qalet, *sakemm id-decujus ma jeċċedix il-kwota disponibbli, dak il-legat jibqa' jseħħ.* Kif gia' ingħad, f'dan il-każ il-kwota inqabżet, anzi ġiet kanċellata bid-dispozizzjoni testamentarja. Huwa wkoll immaterjali illi d-donazzjoni in kwistjoni saret bħala remunerazzjoni għal serviġi reżi kif fuq spjegat.

"Il-konvenuti Charmaine Cutajar u Sandra Camilleri rrinunzjaw għall-wirt in kwistjoni fil-mori tal-kawża u għalhekk se jiġu estromessi mill-effetti tas-sentenza, ħlief għall-kap tal-ispejjeż billi r-rinunzja saret wara li bdiet il-kawża. Il-Qorti pero` se tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li huma ma ġewx interpellati ai termini tal-Art. 868 tal-Kodiċi Civili qabel ma rrinunzjaw għall-wirt u billi ma ppreżentawx eċċezzjonijiet, l-ispejjeż tagħhom huma minimi.

"**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenuti (eċċetto Sandra Camilleri u Charmaine Cutajar) jassenjaw lill-atturi Salvatore u Joseph Cutajar wieħed minn erbatax (1/14) il-parti kull wieħed u lil Jason u Marisa Cutajar (din tal-aħħar rappreżentata minn ommha Joan Cutajar jekk għadha minuri) wieħed minn tmienja u għoxrin (1/28) parti kull wieħed u waħda tal-fond St. Joseph Bastion Street, il-Fgura (li għal kull fini legali għandu jiġi dikjarat illi fl-intier tiegħu jiswa' mija u għoxrin elf Lira Maltin <Lm120,000>), u tinnomina lin-Nutar Silvana Borg**

**Caruana biex jippublika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Claudio Zammit biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att li għandu jiġi ppublikat nhar it-30 ta' Marzu, 2007 f'nofs in-nhar fl-edifiċċju tal-Qorti jew f'data oħra li l-Qorti tiffissa fuq talba ta' xi parti jew tan-Nutar nominand. L-ispejjeż tal-kuntratt ikunu a kariku ta' Salvatore u Joseph Cutajar għal terz (1/3) kull wieħed u t-terz (1/3) l-ieħor bejn l-atturi Jason u Marisa Cutajar indaqs bejniethom. L-ispejjeż tal-kawża, biex jiġu evitati ratizzazzjonijiet, għandhom jitħallsu kwantu għal kwart (1/4) mill-atturi u tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti. Dawk pero` tal-imsemmija Sandra Camilleri u Charmaine Cutajar huma a kariku tal-atturi.**"

**<u>IR-RIKORS TAL-APPELL TA' MARIA DOLORES CUTAJAR</u>**

2. Il-konvenuta Maria Dolores Cutajar hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-ewwel Qorti moghtija fid-29 ta' Jannar 2007, u interponiet appell minnha. In succint l-aggravji taghha huma s-segwenti:

i) L-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin sew fir-rigward ta' x'halliet omm il-konvenuta appellanti bhala sehemha mill-fond fil-Fgura, a favur tal-appellanta, kif ukoll fir-rigward id-donazzjoni li ghamel missier il-konvenuti appellati favuriha. Illi kontrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, l-appellanti ma kellhiex bzonn li legalment taghmel talba formali sabiex jigu likwidati s-servigi rezi minnha. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-dispozizzjoni testamentarja ta' omm l-appellanti, din kienet espressa b'mod car li l-volonta` taghha kif ukoll ta' zewgha kienet li l-prelegat tal-fond ikun wiehed kompensattiv.

ii) It-tieni aggravju huwa li l-ewwel Qorti ma setghetx tiskarta din il-volonta` testamentarja, izda setghet biss tivvaluta skond il-provi akkwiziti jekk giex superat b'dak li thalla l-valur tas-servigi rezi. Dan japplika wkoll ghad-donazzjoni li missier il-konvenuta appellanti ghamel favuriha. F'dan il-kuntest, fil-kaz tad-donazzjoni

maghmula mill-missier, il-valutazzjoni tas-servigi rezi kellha ssir ukoll billi jittiehed in konsiderazzjoni l-valur tal-proprjeta` donata fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni ta' missier l-appellanti.

iii) It-tielet aggravju jirrigwarda l-assenjazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti ta' sehem mill-proprjeta` in divizjoni lill-atturi appellati. Skond l-appellanti il-proprjeta` kjarament m'hijiex komodament divizibli u ghalhekk kellu jigi ordnat mill-ewwel Qorti li l-atturi jircievu l-legittima taghhom, jekk dovuta, fil-forma ta' kreditu.

**RISPOSTA TAL-ATTURI SALVATORE CUTAJAR, JOSEPH U JASON CUTAJAR U CHARLES CUTAJAR IBEN IL-MEJJET CARMELO CUTAJAR**

3. L-appellati jikkontendu li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija wahda gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti:

a) F'din il-kawza t-talba tal-appellati hija sabiex jinghataw il-legittima spettanti lilhom skond il-ligi u ma kienitx kawza dwar servigi.

b) Fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti kienet cara hafna. Ghalkemm l-appellanti qeghda tippretendi li galadarba missierha hallielha prelegat tad-dar, allura dan il-prelegat m'ghandux jintmess anke jekk din id-dispozizzjoni testamentarja taqbez il-parti disponibbli, l-ewwel Qorti nnotat tajjeb li l-ligi taqsam il-gid tad-disponenti f'zewg partijiet, wahda disponibbli u ohra li m'hijiex disponibbli. Minhabba l-fatt li l-unika assi tal-wirt kienet id-dar in kwistjoni, ma kienx hemm diffikulta` sabiex jigi determinat li din id-dispozizzjoni testamentarja eccediet il-parti disponibbli.

L-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-legati jibqghu fis-sehh biss, meta ma tinqabizx il-kwota disponibbli skond il-ligi. L-appellati jkomplu jghidu li l-appellanta mhix korretta meta tghid li peress li l-genituri tawha d-dar ghal servigi rezi, allura hija ghandha monopolju assolut fuq l-istess dar. La

gie determinat li l-uniku ass tal-wirt kienet id-dar in kwistjoni, l-ewwel Qorti kellha bilfors tapplika l-Artikolu 620 tal-Kodici Civili. Ghalhekk la ma gewx ippruvati l-ebda djun, l-ewwel Qorti bilfors kellha tapplika dak li tghid il-ligi u tassenja sehem mid-dar tal-genituri lill-atturi bhala l-legittima spettanti lilhom.

c) Dwar it-tieni aggravju, li l-valur tal-proprjeta` ghandu jkun dak ta' meta kien hemm il-ftuh tas-successjoni, din ma tqajmitx in linea ta' eccezzjoni u li ghalhekk hi xi haga gdida li qeghda titqajjem f'dan l-istadju ta' appell.

d) Ghal dak li jikkoncerna l-ahhar aggravju li l-assenjazzjoni tal-legittima kellha ssir f'forma ta' flus, din hija wahda insostenibbli ghaliex il-ligi kienet tipprovdi li l-legittima ghandha tinghata in natura, fi proprjeta` assoluta u minghajr pizijiet.

e) L-appellati fl-ahharnett innutaw li l-ewwel Qorti bi zvista ma inkludietx lil Charles Cutajar fis-sehem tal-mejjet missieru Charles Cutajar u li ghalhekk is-sehem spettanti lil Jason u Marisa Cutajar ghandu jkun wiehed minn tnejn u erbghin ($^{1}/_{42}$) kull wiehed u Charles Cutajar sehem minn wiehed u tnejn u erbghin ukoll.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, is-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata, salv il-korrezzjoni mitluba, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

## FATTI MERTU TAL-KAWZA

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanti Maria Dolores Cutajar, din il-Qorti thoss li jkun opportun li taghti sfond fil-qasir tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni:-

i) Omm il-partijiet, Mary Cutajar, mietet fil-1 ta' Dicembru 1991 u missier il-partijiet, Joseph Cutajar, miet fil-21 ta' Mejju 1999.

ii) Il-genituri tal-partijiet kienu ghamlu testament *unica charta* fl-Atti tan-Nutar Joseph Sciberras fil-15 ta' April 1988. F'dan it-testment is-superstiti kellhu l-uzu u l-uzufrutt tal-generalita` tal-assi ereditarju taghhom. Fir-raba' Artikolu, it-testaturi hallew b'titolu ta' prelegat u in piena proprjeta` wara mewthom u bhala rikompensa tas-servigi minnha rezi u li kienet qeghda tirrendilhom, lil Maria Dolores Cutajar, l-appellanti, d-dar "St. Joseph", Bastion Street, Fgura, bil-garage maghha, inkluz dak kollu li jkun jinsab go fiha mill-ghatba l-gewwa. Fil-hames Artikolu, it-testaturi istitwew bhala eredi univerali lis-seba' uliedhom, ossia, Maria Dolores, Salvatore, Carmel, Emanuel, Caterina mart Michael Bartolo, Mary Rose mart Mario Bartolo u Joseph, ahwa Cutajar.

iii) Permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras datat 20 ta' Frar 1997, Joseph Cutajar, missier il-partijiet, kkonceda b'titolu ta' donazzjoni lil Maria Dolores Cutajar, in-nofs indiviz tad-dar "St. Joseph", Bastion Street, Fgura, bil-garage, bil-valur ta' dan in-nofs indiviz ta' sebgha u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm27,000), u dan bhala kumpens tas-servigi li rrenditlu u li kienet qed tirrendilu.

iv) Emanuel Cutajar, iben it-testaturi miet fis-6 ta' Marzu 1998 u halla warajh li erbgha t'titfal li huma Marianne, Sandra, Charmaine u Joseph Cutajar;

v) Carmel Cutajar, iben it-testaturi miet fis-27 ta' Gunju 2002 u halla warajh li tlett ulied li huma Jason, Charles u Maria ahwa Cutajar;

vi) Permezz ta' Nota fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili, tat-13 ta' Jannar 2002, a fol. 84 tal-process, Salvatore Cutajar, Joseph Cutajar, Charles Cutajar u Joan Cutajar in rappresentanza tal-minuri Marisa Cutajar rrinunzjaw ghall- eredita ta' Guzeppi u Mary Cutajar.

vii) Permezz ta' nota fil-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja), it-tfal ta' Emanuel Cutajar, ossia Sandra mart Mark Camilleri u Charmaine Cutajar, fil-25 ta'

Gunju 2004, irrinunzjaw ghall-wirt ta’ missierhom pero` zammew ferm id-dritt taghhom ghal-legittima;

viii) Illi matul il-kawza quddiem l-ewwel Qorti, Sandra Camilleri u Charmaine Cutajar li jigu t-tfal ta’ Emanuel Cutajar, cedew l-atti tal-kawza kif promossi;

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

5. L-atturi appellati ppromovew din il-kawza sabiex issir il-likwidazzjoni tal-legittima spettanti lilhom mill-eredita` tal-genituri taghhom Mary u Giuseppe Cutajar. Ghal din it-talba, il-konvenuta appellanti eccepiet li l-prelegat li thalla lilha tal-fond “St. Joseph”, Bastion Street, Fgura, sar sabiex tigi kkompensata ghas-servigi rezi minnha lill-genituri taghha.

6. L-ewwel aggravju tal-konvenuta appellanti huwa li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin meta kkonkludiet li ma saritx talba formali da parti taghha sabiex dawn is-servigi jigu likwidati.

Din il-Qorti taqbel ma’ din il-konsiderazzjoni tal-appellanti. L-appellanti fil-fatt ibbazat id-difiza taghha proprju fuq il-legat rimuneratorju li l-genituri taghha hallewlha fit-testment *unica charta* fl-Atti tan-Nutar Joseph Sciberras fil-15 ta’ April 1988. Dan il-legat qieghed fir-raba’ artikolu ta’ dan it-testment u jghid:
*“B’titolu ta’ prelegat u in piena proprjeta` wara mewthom u bhala rikompensa tas-servigi minnha rezi u li qeghda tirrendilhom, l-istess kontestaturi jhallu lil binthom Maria Dolores Cutajar, xebba, d-dar bil-garage maghha li qeghda l-Fgura, Bastion Street, bla numru jisimha “St. Joseph” b’dak kollu li jkun jinsab go fiha mill-ghatba ’l gewwa ‘a limine intus’, kollox inkluz, eskluzi biss il-kotba tal-Bank u dokumenti ohra rapprezentanti flus.”*

Dan huwa legat rimuneratorju favur l-appellanti, liema tip ta’ legat ghandu jigi kkonsidrat bhala dejn fuq l-attiv. L-appellanti ma kellhiex bzonn li taghmel talba formali ghal-likwidazzjoni tas-servigi minnha rezi. La dan il-legat

rimuneratorju huwa parti mill-eredita` tal-genituri tal-partijiet, ghalhekk meta l-atturi appellati istitwew din il-kawza ghall-likwidazzjoni tal-legittima, awtomatikament l-ewwel Qorti kellha tikkonsidra l-likwidazzjoni tal-legittima b'referenza ghal dan il-legat rimuneratorju. F'dawn it-tip ta' azzjonijiet *"familiae erciscundae"* ghandhom jidhlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Vincenzo Attard v. Michelina Agius et.** deciza fil-31 ta' Ottubru 1952, qalet hekk:
*"Illi ma hemm xejn kontra l-ligi biex dawna l-provi jsiru fil-kawza odjerna; anzi, peress li dina l-kawza ghandha bhala oggett taghha, fost ohrajn, il-likwidazzjoni tal-assi socjali konjugali ta' Salvatore u Paola ga mizzewgin Agius, u l-assi partikolari taghhom, mhux xieraq li l-kumpens tal-imsemmijin servigi, jekk hu dovut, jigi stabbilit f'kawza ohra, u dana (1) ghaliex il-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens tinfluwixxi fuq il-likwidazzjoni tal-assijiet gia msemmija; (2) ghaliex din il-kwistjoni tidhol fl-ambitu tas-seba' domanda … (3) ghaliex fil-gudizzju "familiae erciscundae", bhal ma hi l-kawza odjerna, jidhlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt; u dana sal-punt li m'humiex permessi proceduri specjali, lanqas preambuli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt."*

7. Ghalhekk l-ewwel Qorti qabel ma setghet tillikwida l-legittima spettanti lill-partijiet, kellha tara jekk dan il-legat rimuneratorju, bhala debitu fuq l-attiv tal-eredità, kienx dovut jew le. L-ewwel Qorti kellha qabel xejn tara jekk jirrizultax li t-testatur ma kellux raguni tajba biex ihalli dak il-legat f'tali proporzjon ghal dak li hu ammont. Id-dikjarazzjoni li jaghmel it-testatur li legat huwa rimuneratorju, u l-kriterji tieghu meta ddetermina l-kumpens, m'humiex insindikabbli, u ghalhekk il-Qorti dejjem ghandha l-poter li tara jekk dan il-legat huwiex sproporzjonat ghas-servigi prestati mill-legatarju, u dan sabiex jigi zgurat li d-decujus ma eccediex il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u b'mod li seta' allura illeda l-legittima dovuta lill-werrieta. Dan l-ezercizzju l-ewwel Qorti ma ghamlitux.

F’din il-kawza, l-appellanti xehdet li hi kienet tghix mal-genituri taghha u li dejjem hadet hsiebhom hi. Hi kienet taghmel ix-xoghol tad-dar ukoll u jekk kien hemm bzonn li tiehu l-genituri taghha l-isptar kienet taghmel dan. Dan gie kkonfermat minn Maryann Cutajar, li tigi n-neputija tal-appellanti, li fl-istess hin qalet ukoll li anke hi kienet tghin. Fl-affidavit taghha, Catherine Bartolo li tigi oht l-appellanti tghid li Maria Dolores Cutajar kienet inharget mill-iskola sabiex tghin lil ommha, u li meta emigraw l-Awstralja, l-appellanti kompliet tghinhom anke finanzjarjament. Meta mbaghad il-genituri tal-appellanti kienu rritornaw Malta, hi wkoll wara ftit zmien telqet mill-Awstralja sabiex tigi tghix u tghin lill-genituri taghha hawn Malta. Dan kollu gie anke kkonfermat minn Rosie Bartolo. Minbarra dan kollu fit-testment *unica charta* tal-genituri tal-partijiet hemm ukoll ddikjarat illi:

*“ Jiddikjaraw l-istess kontestaturi sabiex ’l quddiem jirrizulta illi kwazi kollox li jiggwarnixxi l-istess dar hu ta’ proprjeta` tal-istess prelegatarja peress li sar bix-xoghol u industrija taghha.”*

Ghalhekk minn dan kollu din il-Qorti tikkonkludi li l-genituri tal-appellanti kellhom raguni tajba sabiex ihallu dan il-legat rimuneratorju.

8. Premess dak li ntqal, l-ewwel aggravju tal-appellanta qieghed jigi milqugh fis-sens li ma kienx hemm bzonn li ssir talba formali sabiex jintwera jekk is-servigi kienux gew rezi, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni dan il-legat rimuneratorju meta giet biex tillikwida l-legittima.

9. Qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tikkonsidra t-tieni aggravju tal-appellanti, li l-valutazzjoni tas-servigi rezi mill-istess lil missierha kellha ssir wkoll billi jittiehed in konsiderazzjoni l-valur tal-proprjeta` donata fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni tal-missier, tajjeb li jsir accenn ghall-principji generali li jirrigwardaw dan l-istitut. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **Orazio sive Grazio Cutajar v.**

**Emmanuele Cutajar bhala eredi ta' Salvatore u Antonia Cutajar et.** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003, qalet hekk:

*"Il-ligi taqsam il-gid tad-disponenti f'zewg partijiet; wahda l-parti disponibbli u l-ohra l-parti indisponibbli. Dan kif jemergi mill-Artikoli 614(2), 646 u 647, u d-dispozizzjonijiet li jsegwuh li jittrattaw fuq ir-riduzzjoni tad-dispozizzjonijiet tat-testment li jaqbzu s-sehem li t-testaturi setghu jiddisponu minnhom. Il-parti li mhix disponibbli tigi matematikament kalkolata skond kif kalkolat fl-Artikolu 616 u ta' wara skond il-kaz. Ifisser ghalhekk illi l-fakolta li t-testaturi jaghmlu li jridu bil-kwota disponibbli ta' gidhom hi limitata mill-parti indisponibbli. In vista ta' dan "l-ewwel haga li ghandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex inkunu nistghu naccertaw jekk id-decujus bid-dispozizzjoni ta' dak il-legat eccediex il-parti disponibbli tal-patrimonju; u f'dina l-likwidazzjoni l-legat de quo agitur fl- estensjoni tieghu kollha ghandu jigi kalkulat, il-ghaliex l-istess, bhal speci ta' beni jew korp, jappartjeni lil-legatarji, u fuqu l-legittimarji ma ghandhomx hlief id-dritt li lilhom taghti l-ligi fil-kaz li jigi konstatat li d-decujus, bid-dispozizzjonijiet tieghu, ikun ecceda l-parti disponibbli, f'liema ipotesi l-istess jista' jkun soggett ghar-riduzzjoni" – "**Maria Wismayer et –vs–- Ruggiero Wismayer et**", Prim Awla, Qorti Civili, 22 ta' Mejju 1950;*

*"Issa opportunament tajjeb li jigi sottolinejat illi "il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet" (Artikolu 615 tal-Kodici Civili), dovuta in natura (**Vol. XXVII P I p 451; Vol. XXXVIII P II p 551**), "in piena proprieta` senza alcun peso od altra condizione" (**Vol. XXII P II p 116**). Ghaldaqstant "si calcola sull' intero patrimonio, compresavi ogni specie di l'argizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie" (**Vol. IX pagna 297**). Gialadarba ghalhekk "skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gia` nghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni tal-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita`.*

*"Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa*

*jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lil-legittimarju determinata speci ta' beni'* (***Vol. XXXIV P II p 574***)*; "Dan ifisser illi l-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza." – "***Joseph Vella –vs- Anthony Bezzina et***", Appell, 20 ta' Novembru 1998;"*

Il-legittima ghandha tinhadem fuq il-wirt kollu, wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju ikun ha minghand it-testatur, u tinghata fi proprjeta` shiha, hielsa minn kull piz u kondizzjoni. Huwa assodat li hemm zewg sitwazzjonijiet f'kazijiet fejn tintalab il-legittima. L-ewwel sitwazzjoni hija meta l-werrieta jaljenaw bicca mill-gid tal-wirt wara l-ftuh tieghu, u t-tieni sitwazzjoni hija meta l-gid li minnha ghandha tittiehed il-legittima baqa kollu f'idejn il-werrieta.

10. Din il-kawza taqa' taht it-tieni ipotezi, u f'dan il-kaz, il-valur tal-gid ghandu jkun dak li kien fiz-zmien li nfetah il-wirt u aktar precizament, kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza **Concetta Vella et. v. Giuseppe Bugeja et.**, deciza fil-10 ta' Dicembru 1973:

*"li, ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima)* ***bilfors*** *wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni;"*

Dawn il-konsiderazzjonijiet imbaghad saru wkoll mill-istess Qorti tal-Appell fil-kawza **Emilia Maria Mifsud et. v. Eleonor Mizzi et.**, deciza fl-14 ta' Dicembru 1973, fejn din il-Qorti wara li ghamlet referenza ghall-kawza deciza fl-10 ta' Dicembru 1973, fl-ismijiet **Concetta Vella et. v. Giuseppe Bugeja et.** osservat li gej:
*"Kif inghad f'dik is-sentenza, kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjon legittima, li hi l-materja involuta anki f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikorstruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anki biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.*

Fl-istess sentenza din il-Qorti, izda, kompliet hekk:-

*"Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioe` z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja."*

11. Dawn huma l-principji li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti meta din il-kawza terga' tirritorna ghandha. Ghalhekk tenut kont li gie milqugh l-ewwel aggravju u li konsegwentement l-ewwel Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-legat rimuneratorju li

thalla lill-appellanti, anke dan l-aggravju se jigi milqugh. Dan fis-sens li meta l-ewwel Qorti terga' taghmel l-operazzjoni preliminari tal-komputazzjoni tar-riunjoni fittizzja tal-attiv, sabiex jigi rikostrwit il-patrimonju tad-*decujus*, l-ewwel Qorti ghandha tirraporta ruhha ghall-valuri fiz-zmien l-apertura tas-successjoni. Jekk imbaghad jirrizulta li l-legittima ma tistax tigi sodisfatta u li hawn, trattandosi ta' beni in natura, tikkonverti ruhha fi dritt ta' kreditu fi flus, allura d-dritt tal-legittimarja ghandu jirreferi ghaz-zmien tal-konverzjoni, ossia z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali.

12. It-tielet aggravju tal-appellanta huwa li minhabba l-fatt li l-proprjeta` m'hijiex komodament divizibbli, il-legittima jekk dovuta, ghandha tinghata f'forma ta' kreditu.

Il-ligi tiddisponi li l-legittima hija sehem mill-proprjeta` tad-*decujus* li dan ma ghandu l-ebda obbligu jhalli lil-legittimarji speci determinata ta' beni jew korpi. Minbarra dan, skond l-Artikolu 620(1) tal-Kap. 16 il-legittima hija dovuta in piena proprjeta`. B'referenza specifika ghal dan l-aggravju, l-Artikolu 653 (2) tal-Kodici Civili jghid hekk,

*" Izda, kemm il-darba din il-firda ma tkunx tista ssir minghajr xkiel u hsara, il-legatarju jista', jekk irid, ihallas bi flus dak li jkun imissu jaghti lill-parti li tkun qieghda titlob it-tnaqqis."*

13. Ghaldaqstant a bazi ta' dan li gie premess, jirrizulta li bhala legatarja, l-appellanti tista' titlob li din il-legittima li hija dovuta lil atturi appellati tinghata lilhom f'forma ta' kreditu u dan ghandu jkun hekk <u>wara</u> u <u>kemm-il darba</u> jigi ivverifikat u accertat li l-fond *de quo* huwiex komodament divizibbli jew le.

Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellanta qieghed jigi milqugh.

14. Fir-rigward tat-talba ghall-korrezzjoni li l-atturi appellati ghamlu fir-risposta tal-appell taghhom, skond l-

Artikolu 825(2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, tali talba kellha ssir mill-atturi appellati permezz ta' rikors quddiem l-ewwel Qorti fi zmien tletin gurnata mid-data tas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju tal-konvenuta appellanta, tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-29 ta' Jannar 2007, u tirrimetti l-atti lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex fl-ewwel lok issir il-likwidazzjoni tal-attiv kemm ta' Mary Cutajar u kemm ta' Giuseppe Cutajar, biex b'hekk jigi determinat jekk giex lez id-dritt tal-legittima jew le, u dana wara li jigi kkwantifikat il-legat rimuneratorju li ghandu jitqies bhala dejn ta' dan l-istess attiv u sabiex wara li jsir dan il-kalkolu jigi mbaghad deciz ukoll huwiex il-kaz li tigi assenjata l-legittima dovuta lill-atturi appellati u dan okkorrendo taht forma ta' kreditu jekk jirrizulta wkoll illi l-fond *de quo* m'mhuwiex komodament divizibbli relattivament ghall-porzjoni talvolta spettanti lill-appellanti.

L-ispejjez ta' dina l-istanza jigu sopportati nofs mill-appellanti Maria Dolores Cutajar u n-nofs l-iehor mill-appellati solidament bejniethom. Dawk relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu rizervati ghal-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------